

**Rikors ippreżentat fl-1 ta' Awwissu 2018 – Electroquímica Onubense vs ECHA****(Kawża T-481/18)**

(2018/C 352/50)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol***Partijiet**

*Rikorrenti:* Electroquímica Onubense, S.L. (Palos de la Frontera, Spanja) (rappreżentant: D. González Blanco, avukat)

*Konvenuta:* L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA)

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali taġhti deċiżjoni ġdida peress li Electroquímica Onubense (EQO) tikkonforma marrekwiżiti ta' impriża ta' daqs medju għall-finijiet tal-applikazzjoni tad-drittijiet għar-reġistrazzjoni ta' prodotti mal-ECHA.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka ħames motivi.

1. L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-fatt li r-rapport għall-kalkolu ta' SME meħmuż mad-deċiżjoni kkontestata jirreferi għar-rabta tagħha ma' ERCROS fis-snin 2013 u 2014, peress li l-awtur ta' dan ir-rapport ma kienx jaf, b'fatt daqstant rilevanti bħall-kostituzzjoni ta' din fi Frar 2015, b'kapital azzjonarju ta' EUR 3 000, il-kapital minimu li huwa legalment meħtieġ skont il-leġiżlazzjoni kummerċjali Spanjola. F'dan ir-rigward, huwa ddikjarat li l-fatt imsemmi hawn fuq dwar il-kapital azzjonarju tal-kumpannija l-ġdida kien il-fattur determinanti sabiex issir id-dikjarazzjoni dwar din bħala "impriża żgħira", peress li effettivament EQO kienet tissodisfa l-parametri meħtieġa mil-leġiżlazzjoni fis-seħħ u ma huwiex xieraq li s-sehem ta' ERCROS f'din jista' jibdilha, waħdu, f'"impriża ta' daqs kbir".
2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-fatt li ERCROS kienet l-unika azzjonist ta' EQO matul il-perijodu bejn il-kostituzzjoni tal-kumpannija (18 ta' Frar 2015) u t-trasferiment tal-ishma lil SALINAS DEL ODIEL (2 ta' Ġunju 2015), u b'karatteristika li hija sempliċement konġunturali jew strumentali, sabiex tiffaċilita t-trasferiment tal-proprjetà ta' EQO lid-destinatarju finali tagħha, SALINAS DEL ODIEL.
3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-fatt li fl-aħħar tas-sena kummerċjali 201, EQO ma kinitx għadha proprjetà ta' ERCROS (ikkunsidrata bħala "impriża kbira"), la direttament u lanqas indirettament, iżda kienet proprjetà ta' SALINAS DE ONIEL (ikkunsidrata bħala "impriża ta' daqs medju").
4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-fattur rilevanti għad-determinazzjoni tad-daqs tal-impriża ta' EQO, għall-finijiet tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni, ma jistax ikun differenti mir-rabta li kellha EQO mal-impriża li kienet il-kumpannija omm tagħha fl-aħħar tas-sena kummerċjali 2015, hekk kif rifless fil-kontijiet annwali għal dik is-sena, u mhux mill-fatt li din ir-rabta kienet konġunturali u strumentali matul is-sena ta' referenza.
5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq il-fatt li l-applikazzjoni tar-rata korretta ma għandhiex tkun dik prevista għal impriża kbira, iżda dik intiża għal impriża ta' daqs medju, peress li r-rabta li għandha tiġi stabbilita għal dan il-għan hija dik bejn EQO u SALINAS DEL ODIEL, u mhux bejn EQO u ERCROS.

**Rikors ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2018 – Stada Arzneimittel vs EUIPO (VirusProtect)****(Kawża T-487/18)**

(2018/C 352/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż***Partijiet**

*Rikorrenti:* Stada Arzneimittel AG (Bad Vilbel, il-Ġermanja) (rappreżentanti: J.-C. Plate u R. Kaase, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “VirusProtect” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 16 295 511

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-4 ta' Ġunju 2018 fil-Każ R 1886/2017-5

### **Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### **Motivi invokati**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Ksur tal-Artikolu 75(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

---

## **Rikors ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2018 – Vafo Praha vs EUIPO – Rutzinger-Kurpas (Meatlove)**

**(Kawża T-491/18)**

(2018/C 352/52)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

### **Partijiet**

*Rikorrenti:* Vafo Praha s.r.o. (Chrást'any, ir-Repubblika Ċeka) (rappreżentant: M. Vojáček, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Susanne Rutzinger-Kurpas (Spigellau, il-Ġermanja)

### **Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Applikant għat-trade mark kontenzjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* trade mark tal-Unjoni Ewropea verbali “Meatlove” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 557 374

*Proċedimenti quddiem l-EUIPO:* proċedimenti ta' oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata:* id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-12 ta' Ġunju 2018 fil-Każ R 264/2018-4

### **Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.